



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Frar 2024
(OR. en)

6737/24

LIMITE

COEST 126

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Belarussja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Belarussja kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fid-19 ta' Frar 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Belarus

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-Belarus tat-12 ta' Ottubru 2020, li jistabbilixxu l-politika tal-UE fir-rigward tal-Belarus.
2. L-UE tappoġġa l-poplu tal-Belarus. Il-Kunsill jissottolinja l-appoġġ sod tiegħu għall-ħidma tal-poplu Belarussu għal Belarus ħielsa, demokratika, sovrana u indipendenti bħala parti minn Ewropa paċifika u prospera.
3. Il-Kunsill għadu mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li qed tiddeterjora fil-Belarus u jikkundanna bil-qawwa l-kampanji kontinwi ta' persekuzzjoni u intimidazzjoni mir-reġim Belarussu kontra s-segmenti kollha tas-soċjetà Belarussa, inkluż id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, it-trejdjunjonisti indipendenti, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali. Huwa jiddeplora li l-priġunieri politiċi għadhom detenuti l-ħabs f'kundizzjonijiet terribbli, esposti għal tortura u trattament ħażin, mingħajr aċċess għal servizzi tas-saħħa essenzjali, u li ħafna minn dawn il-priġunieri nżammu għal perjodi twal ta' żmien mingħajr kuntatt mal-avukati u l-qraba tagħhom. L-UE thegġegħ il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha, u r-riabilitazzjoni effettiva tagħhom. Thegġegħ ukoll lill-awtoritajiet Belarussi biex jabolixxu l-piena tal-mewt u biex, bħala l-ewwel pass, jintroduċu moratorju.
4. Il-Kunsill jissottolinja li l-livell bla preċedent ta' repressjoni, inkluż kontra s-soċjetà ċivili u l-media indipendenti, u r-restrizzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni politika jimminaw il-potenzjal li l-elezzjonijiet parlamentari u lokali skedati li jsiru fil-25 ta' Frar 2024 ikunu ġusti u leġittimi. L-UE jiddispijaciha li l-awtoritajiet Belarussi ddeċidew li ma jistednux missjoni ta' osservazzjoni elettorali mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) biex tosserva l-elezzjonijiet li ġejjin, għall-kuntrarju tal-impenji internazzjonali tagħha.
5. Il-Kunsill ikompli jappoġġa d-dritt demokratiku tal-poplu tal-Belarus li jeleġġi r-rappreżentati tiegħu permezz ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti. L-UE tappella lill-awtoritajiet tal-Belarus biex jinvolvu ruħhom fi djalogu ġenwin u inklużiv mal-elementi kollha tas-soċjetà bil-ħsieb li jsiru elezzjonijiet ħielsa u ġusti, taħt l-osservazzjoni tal-OSKE/ODIHR u f'konformità ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment.
6. Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu biex daww responsabbli għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem jagħtu kont ta' għemilhom. Għadu qed jitwettaq ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem biex irażżan is-soċjetà Belarussa u jsikket lil kull min jitqies li jopponi r-reġim. Skont l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem, xi ksur jista' jammonta għal delitti kontra l-umanità.
7. F'dan ir-rigward, l-UE taferma mill-ġdid l-importanza ta' skrutinju kontinwu tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarus mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u tilqa' l-ħidma tar-Relatur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-

Belarussja, tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Pjattaforma tal-Obbligu ta' Rendikont Internazzjonali għall-Belarussja. L-UE thegħgeġ lill-awtoritajiet Belarussi jikkooperaw bis-sħiħ mal-mekkaniżmi internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem. L-applikazzjoni tal-ġuriżdizzjoni universali hija wkoll għodda importanti għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-impunità u għall-promozzjoni tal-obbligu li jingħata rendikont flivell internazzjonali.

8. Il-Kunsill jikkundanna d-digriet tal-4 ta' Settembru 2023, iffirmat minn Lukashenka, li jirrestrinġi l-passaporti u servizzi konsulari oħra għall-Belarussi barra mill-pajjiż u jtenni l-impenn tiegħu li jkompli jappoġġa liċ-ċittadini Belarussi fl-UE li ħarbu mir-repressjoni, inkluż permezz ta' sforzi kkoordinati fost l-istati membri tal-UE.
9. Il-Kunsill jikkundanna bil-qawwa l-appoġġ li għadu qed jiġi pprovdut mir-reġim Belarussu għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jappella lill-Belarussja biex toqgħod lura minn tali azzjoni u tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha. Il-Belarussja għandha tieqaf tkun kompliċi fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-UE tikkundanna t-tħabbiriet mir-Russja tal-intenzjoni tagħha li tiskjera armi nukleari fit-territorju tal-Belarussja u li ntlaħaq ftehim bejn ir-Russja u l-Belarussja għal dan l-għan. Dawn it-tħabbiriet imorru kontra l-impenni internazzjonali tal-Belarussja skont il-Memorandum ta' Budapest u jaggravaw it-tensjonijiet li diġà huma qawwija. Il-Kunsill jikkundanna wkoll il-kompliċità tar-reġim Belarussu fid-deportazzjoni illegali tat-tfal Ukreni u jtenni l-appell urġenti tiegħu lill-Belarussja biex tiżgura minnufih ir-ritorn sikur tagħhom lejn l-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata għas-sovranietà u l-indipendenza tal-Belarussja.
10. Il-Kunsill jikkundanna wkoll bil-qawwa l-attakki ibridi fil-fruntieri esterni tal-UE, inkluż l-istrukturalizzazzjoni tal-migranti mir-reġim Belarussu, f'kompliċità mar-Russja, għal finijiet politiċi. L-UE ser tkompli tesprimi s-solidarjetà tagħha mal-Istati Membri affettwati.
11. Il-Kunsill jissottolinja li s-sikurezza u s-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari huma prijorità ewlenija għall-UE. F'dan il-kuntest, l-UE tesprimi tħassib dwar il-bosta kwistjonijiet mhux solvuti ta' sikurezza fl-impjant tal-enerġija nukleari Belarussu u thegħgeġ lill-Belarussja biex taderixxi mal-ogħla standards internazzjonali ambjentali u ta' sikurezza nukleari, kif ukoll biex timplimenta minnufih ir-rakkomandazzjonijiet tal-UE dwar is-simulazzjoni ta' kriżi.
12. Il-Kunsill impona sanzjonijiet immirati b'reazzjoni għar-repressjoni, it-tmexxija ħażina tal-proċess elettorali, l-inċitament u l-organizzazzjoni tal-qsim illegali tal-fruntieri, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u l-involviment tal-awtoritajiet fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'konformità mal-approċċ gradwali tal-UE, l-UE tinsab lesta li tieħu aktar miżuri restrittivi u mmirati sakemm l-awtoritajiet Belarussi jkomplu dawn l-azzjonijiet.
13. Il-Kunsill jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-azzjonijiet tar-reġim ta' Lukashenka li jaffettwaw l-identità nazzjonali tal-Belarussja u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jappoġġa u jippromwovi l-lingwa u l-kultura Belarussa. L-UE tfakkar fl-importanza tal-kuntatti bejn il-persuni, fost l-oħrajn billi tappoġġa l-attivitajiet ta' mobbiltà, taż-żgħażaġh u dawk kulturali, f'konformità mal-prinċipji inklużi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020. Liċ-ċittadini ordinarji Belarussi jkomplu jibbenefikaw mill-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża bejn l-UE u l-Belarussja.

14. Il-Kunsill japprezza s-soċjetà ċivili Belarussa bħala sieħba importanti fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant u jfakkar li s-Sħubija tal-Lvant tibqa' miftuħa għal Belarussja demokratika futura.
15. L-UE ser tkompli tappoġġa s-soċjetà ċivili u l-forzi demokratiċi Belarussi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment tal-Grupp Konsultattiv tal-UE mas-soċjetà ċivili u l-forzi demokratiċi Belarussi, u l-koordinazzjoni tal-assistenza permezz tal-Laqqhat tal-Uffiċjali Għolja, u jesprimi appoġġ għall-kontinwazzjoni tagħhom. L-UE tilqa' wkoll il-kooperazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa mal-forzi demokratiċi Belarussi u mas-soċjetà ċivili permezz tal-Grupp ta' Kuntatt tiegħu.
16. L-UE tappoġġa u tfaħħar l-isforzi tal-forzi demokratiċi u tas-soċjetà ċivili Belarussi, u tirrikonoxxi l-għażla pro-Ewropea tagħhom. Belarussja demokratika futura għandha post fil-familja Ewropea. Ladarba l-Belarussja tibda l-perkors lejn tranżizzjoni demokratika, l-UE ser toffri appoġġ biex tistabbilizza l-ekonomija tagħha u tirriforma l-istituzzjonijiet tagħha. L-għan tagħna huwa li nġinu fil-bini tar-reżiljenza u nressqu riformi demokratiċi, noħolqu impjiegi ġodda u ntejbu l-istandards tal-ġajxien tan-nies, inkluż permezz ta' Pjan Komprensiv ta' Appoġġ Ekonomiku li jammonta għal EUR 3 biljun għal Belarussja demokratika.
17. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li żżomm il-Belarussja fuq quddiem fl-aġenda internazzjonali. Il-poplu tal-Belarussja jista' jibqa' ċert dwar il-fokus kontinwu tal-Unjoni Ewropea fuq il-benesseri, id-drittijiet tal-bniedem u l-intitolament tiegħu għal futur prosperu f'Belarussja demokratika.